# Ganni Bonnici

C. Galea Scannura M.A.

It-tlettax-il tifel min erbatax. Ganni Bonnici hu l-artist mill-Mosta li minn tfulitu tħabbeb ma' l-arti. Tant kien impressjona l-għalliema tiegħu li dawn ipperswadew lil missieru biex jibda jibgħatu l-ISKOLA TA' L-ARTI. U peress li kien għadu żgħir, ta' tlettax-il sena, il-pittur Ġużeppi Schembri kien offra li jibda jwasslu sal-Belt. F' dil-iskola dam disa' snin jissawwar u jitħarreġ mill-aħjar għalliema. Taħt V. Apap tgħallem id-disinn u taħt Antonio Micallef il-mudellatura ornamentali. L-Prof. George Borg ħarrġu tajjeb fl-iskultura figurativa u l-anatomija artistika u taħt Carmelo Attard Cassar l-istorja ta' l-arti. Iżda dan it-tagħlim kollu għaċ-ċkejken Ganni ma kienx biżżejjed għax fl-istess waqt fl-eta' ta' tlettax u erbatax-il sena, matul il-vaganzi kien imur ma' l-iskultur Ġużeppi Barbara jitgħallem jiskolpi fil-ġebla Maltija, bħal fil-knisja ta' l-Mqabba, ta' Ħal Tarxien, ta' l-Erwieħ il-Belt, il-Każin Malti u f' diversi djar u villel privati. Dan it-taħriġ swielu biex Ganni fl-eta' ta' ħmistax-il sena ġie fdat lilu x-xogħol biex jiskolpi l-iskultura ornamentali ta' żewġ koppletti tal-bibien tal-ġnub tar-Rotunda Mostija, fejn Ganni ġie mgħammed u trabba.

Minn kmieni Bonnici mpressjona lill-għalliema tiegħu bit-talent tiegħu bħala skultur u ċeramista. Fl-iskola dejjem ħa l-ewwel fl-eżamijiet annwali. U fost dan kien li wassal lill-Onor Sinjura De Trafford li tafda lil Ganni, fl-eta' ta' għoxrin sena bi proġett ta' fabbrika taċ-ċeramika. Minn dan l-inċident fiż-żgħozija ta' Bonnici, nistgħu naraw kif l-artist ma baqax reġjonali marbut mar-, aħal jew il-pajjiż iżda beda jħares lejn il-kontinent biex ikabbar l-esperjenza tiegħu. Ganni żar diversi bliet fl-Italja u fil-1953 beda jattendi l-Kulleġġ taċ-Ċeramika ta' Stoke-on-Trent, fl-Ingilterra.

Nistgħu ngħidu li Ganni bena fuq is-sod. Fl-1954, ġie l-ewwel fl-eżami ta' l-iskola ta' Arti imħejji għall-borża ta' studja biex imur jissolka jistudja l-arti f'Ruma. Attenda l-Accademia di Belle Arti u sab żmien biex jagħmel korsijiet serali fl-iScuola della Ceramicam, l-Istituto Statale d'Arte, l-iScuola d'Arte della Medagħia, l-iScuola Libera del Nudo u l-iScuola d'Arte Ornamentale. Hawn ta' min jgħid li barra li spiċċa l-korsijiet kollha b'suċċess u kiseb id-diploma ta' kull istituzzjoni, ta prova bikrija ta' l-abilita' tiegħu billi ħa sehem f'kompetizzjoni ma' studenti barranin: fil-1957 rebaħ l-ewwel premju f'kompettizzjoni ta' arti reliġjuża mnedija mis-Soċieta' pro Civitate Cristina ta' Assisi meta ppreżenta altoriliev, 'Id-Disputa ta' Ġesù fit-Tempju', u permezz ta' żewġ statwi ħa sehem fl-esibizzjoni 'Terza Mostra Nazionale d'Arte Giovanile' li kienet saret fil-Palazzo delleEsposizione ta' Ruma.

Wara dan kompla b'aktar studju. Bl-għajnuna mistħoqqa ta' boroż ta' studji mogħtija mill-Gvern Malti, l-Ambaxxata Taljana u dik Awstrijaka nsibuħ jattendi l-Accademia di Belle Arti ta' Ruma (1954-58), Pietro Vanucci ta' Perugia (1960), University of London, l-Institute of Education u l-iSlade School of Art ta' Londra (1961-62), il-Landerfachschule Fur Kermik ta' Burgenland, Stoob, fl-Awstrija (1970). il-Leicester Polytechnic College of Education (1978) u l-Loughborogh University of Technology (1979) ta' l-Ingliterra.

Ma setax jonqos li Ganni jiġi maħtur għalliem ta' l-arti u ċ-ċeramika fl-iskola sekondarja tal-Gvern fil-1959 meta beda jgħallem fl-Iskola Sekondarju Teknika San Gużepp ta' Raħal Ġdid. U aktar tard inħatar kap ta' l-iskola meta ġie fdat bl-iskola ta' l-Arti u Artifjanat li Gvern waqqaf f' Targa Gap, Mosta fil 1974. Ir-rieda ta Ganni li jgħallem, li jesperimenta f'kull medium u li jaħdem bla heda biex jikkreja opri ta' l-arti li juru artist impenjat, wasslu wkoll biex hu jiġi mitlub jagħti l-pariri tiegħu f'diversi kumitati u boards. Inħatar membru tal-Malta Art Council (1971-75), il-Coinage Advisory Board tal-Bank Ċentrali (1971-76), il-Kumitat tal-Karnival u Festi Nazzjonali (1971-81), lis-Stamp Design Advisory Board (1972-) u l-Kunsill tas-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ bħala rappreżentant tal-Gvern (1977-93). Minn 1994 'l hawn ġie elett membru ta' l-istess kunsill. Diversi drabi kien fil-boards tal-PSC għall-għażla ta' xogħlijiet għal kompetizzjonijiet jew esibizzjonijiet.

Jekk il-karriera akkademika ta' Ganni turi preparazzjoni wiesgħa u profonda, ambizzjoni u sagrifiċċju, daqstantieħor ix-xogħlijiet tiegħu bħal medaljista, ċeramista u skultur jindikaw artist assidwu li jfittex l-ispirazzjoni mill-umanità u li jaħdem b'mod li jirreleva perfezzjonament ta' teknika, hu l-artist b'immaġinazzjoni qawwija, b'volontà kreattiva u b'espressjoni sinċiera li jasal biex jittraduċi l-inġenwità tiegħu f'sinfonija ta' sbuħija.

Bħala Medaljista Ganni kien l-uniku Malti li ġie ppremjat, meta fil-1960 ingħata t-Tieni Premju għal erba' midalji b' tifkira tad-Dsatax-il Ċentinarju ta' San Pawl Nawfraġu. Midalji oħra sbieħ li għamel jikkomemoraw l-Għaxar Anniversarju ta' l-Inkoronazzjoni ta' l-Assunta tal-Mosta (1985) u l-Ħamsin Anniversarju tal-Paroċċa ta' San Bastjan ta' Ħal-Qormi (1979). F'dal qasam Ganni ħareġ 'il barra mix-xtut Maltin meta espona xogħlijiet fid-Dicottesimo Congesso F.I.D.E.M. li nżamm f' Lisbona. Il-midalji li ppreżenta ġew ippubblikati fil-katalgu ma' dawk ta' bosta artisti oħra internazzjonali.

Bħala ċeramista Ganni wera kemm-il darba s-sensibiltà tiegħu għall-umanità, l-artist ispirat mill-ħajja rustika u l-ambjent nattiv. Fost eżemplari tax-xogħlijiet li għamel mal-medda tas-snin insemmi 'The Red Shoe Ballerina', 'Resting Figure', 'Rustica', u 'My Father' li fiha l-artist joħroġ ritratt ta' missieru, ritratt li fih toħroġ l-espressjoni patterna, l-intimità ta' l-imħabba u s-severità u l-ħniena li wieħed jistenna mill-pater familias. 'The Unknown', xogħol li kien ippreżenta fl-Esibizzjoni ta' l-Arti Kontemporanja fil-Palazz de la Salle (1973), hu eżempju ta' ċeramika li fiha tidher il-kwalità monokromatika, il

kontinwità lineari, ir-ritmu u l-ekwilibriju tal-proporzjon li jirrendu x-xoghol areaenti u li jnisslu perċebilità għas-sens tal-mess u s-sensazzjoni ta' l-irreali. (V. M. Pellegrini). Xogħol ieħor, "Visi Familiari", skultura forma ta' totem Indjan, li kien ipprezenta f'Esibizzjoni ta' l-Arti fil Hilton Hotel, (1971), nissel il-kumment li f'Ganni tinħass l-influwenza ta' Henry Moore anke stess toħroġ l-idjomi Maltija u li l-veru artist Bonnici hu dak li jikkrea opri solidi, raffinati, massiċċi, rotondeggiati, sempliċi u ġenwinament reali.

F'dik li hi skultura, Ganni ma jistax jitqies semplicement bħala artist prolifiku jew konvenzjonali. Ammiratur ta' Auguste Rodin u Giacomo Manżu', tinħass fih it-tħejjija klassika li tatina x-xogħlijiet tiegħu flimkien mas-sensazzjoni tad-daqqa ta' l-imgħallem li tindividwalizza l-artist u taffaxxina l-ispettatura bil-kreazzjonijiet tiegħu. Kemm jekk hi esekuzzjonita trofew ta' xogħol reliġjuż bħal tabernakli u altari, jew xi altoriliev jew statwa, toħroġ l-enfasi fuq valuri plastiċi, l-attenzjoni lejn ir-relazzjoni bejn spazju, massa u livelli kif ukoll l-abiltà u versatilità ta' l-artist biex minn kwalunkwe medium (tafal, gibs, bronż, injam, ġebla, rham, siment, terrakotta u cold-cast bronż) jimmodella l-forma jew figure li jkun ħaseb.



Għalhekk ix-xogħol ta' Ganni ġie apprezzat u llum tiltaqa' miegħu f'kollezzjonijiet privati, galleriji ta' l-arti, ċimiterji, skejjel, knejjes u pjazez fi gżiritna u barra minn Malta, u wkoll f'divesi kollezzjonijiet Ewropew, Amerkani, Awstraljani u Kanadiżi. Fost Trofej li għamel insemmi 'Wind Surfing' (1981) fil-bronż, 'Horses Head' għad-ditta Carreras (1984), Fra Diegu, Ħamrun, San Alwiġi B'Kara (1989), u tas-sorijiet tal-klawsura, Birgu. Barra dawn nista' nirreferi għal-għadd ta' Altari fl'irħam jew fil-bronż, fonti tal-magħmudija, stazzjonijiet tal-Via-Sagra (Sta. Luċija; San Bastjan, Qormi; Kunċinzzjoni, Ħamrun; Holy Martyrs of Japan; Bradford, Canada), u sedji u gradenżini fl-injam tal-ġews u bronż.

Ganni jibbrilla fl-iskultura figurativa, konvint li l-figura umana hi l-fonti inesawribbli ta' kull ispirazzjoni. Kemm jekk hu bust, kemm jekk hi statwa jew grupp statwarju toħroġ l-espressjoni artistika mibnija fuq bażi li hi solida, dixxiplinata u oriġianali. Għamel busti ta' diversi persunaġġi, 'Mons. Edgar Salomone', 'Dr. Gorg Borg Olivier' ex-Priministru ta' Malta, 'Dr. Eddie Fenech Adami' Priministru ta' Malta.

Fost riljievi li għamel insemmi 'The Divine Reaper' (1957) Basso riliev fil-plaster li jispira devozzjoni bħalma jagħmel fir-'Ragħaj it-tajjeb', xogħol fil-bronż li jinsab fil-Parroċċa tal-Mellieħa fejn hemm ukoll simboli ta' l-evanġelisti, xogħol ta' l-istess żmien. Insemmi wkoll r-riliev fil-bronż tal-Prim Ministru, Dr. Gorg Borg Olivieri fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata (1981). Nindika b'mod partikulari t-Trittiku modellat fit-terrakotta polikroma li jirrapreżenta xeni tat-Twelid ta' Kristu. Dan it-Trittiku kien deher fil-bolol tal-milied tal-1985 u b'dal mod esibit mill-uffiċċju Postali ta' Malta fil-Mostra Filatelica Mondiale li kienet saret f'Ruma.

Fl-iskultura ta' Ganni jinħass fost ħwejjeġ oħra l-aspett folkloristiku fejn l-artist jikkristalizża xeni rustiċi umani marbutin ma' l-ambjent rurali u li huma mimlija espressjoni indikattiva. Fost dawn hemm statwi ta' daqsijiet varji fosthom 'Housewife, Farmgirl, Xwejħa u Seksieka', altorilievi li juri ħames nisa li l-espressjoni ta' wiċċhom u ħalqhom hi biżżejjed biex tfakkrek f'xeni tipika Maltija. Imbagħad 'Distakk' hu xogħol fil-ġebla li jissimbolizża mument agonizżanti meta l-missier irid jitlaq il-familja biex ifittex ix-xogħol. F'dal-aspett tibqa' tispikka l-istatwa 'L-ewwel passi' (7 piedi 1984) li tinsab fl-Ajruport ta' Ħal-Luqa) li fi stil naturali turi l-omm inklinata tgħin lit-tarbija timxi. Fiha jidher l-istudju preċis, la klassiku u lanqas modern, li jesprimi l-azzjoni bl-akbar eżatezza.

Meta naraw l-istatwi kbar u l-monumenti maestużi li għamel Ganni, nindunaw mill-ewwel li hu affaxxinat bil-figura umana. Dan jidher anke fl-aktar xogħlijiet bikrija tiegħu bħal Ninfa, Adam u Eva', li kien esibixxa fl-ewwel wirja tiegħu fil-Palazzo de al Salle meta l-esibizzjonijiet kienu ħaġa rari.

Hawn nista' naqsam ix-xogħlijiet statwarji tiegħu f'żewġ gruppi, dawk b' tema reliġjuża u oħajn b'tema profana. L-għadd tagħhom hu impressjonanti, wisq iżjed l-esekuzzjoni artistika tagħhom. Hemm ma nistax ma nsemmix il-"Maternita" (2 ft, plaster, Bonnici 1956) li turi l-omm b'dirgħajha miftuħa biex tilqa' 'l uliedha, u l-monument sepulklari fl-Addolorata tal-"Fidi, Tama u Karità": xogħol tal-konkrit għoli għaxar piedi li fih ir-ruħ hi rappreżentata permezz ta' nuda femminili mgħottija b'velu li jaħbi u fl-istess ħin jikxef f'anatomija mistika r-ruħ f'titjira lejn is-Sema (1961).

L-istatwi monumentali reliġjużi huma indikazzjoni tax-xewqa ta' l-artist li jġedded l-entużjażmu, l-enerġija u l-konvinzjoni tiegħu fil-materja li jagħmel tesprimi s-suġġett tal-kreazzjoni tiegħu. Dan narawh, ngħidu aħna, f' "San Ġużepp Ħaddiem" (altoriliev tal-konkrit, 16 ft, STS Paola) fejn l-istruttura arkitettonika tiġbed l-attenzjoni lejn il-figura tal-qaddis (1963) u "San Mikiel" (konkrit, 16 ft., l-ewwel fil-Kulleġġ ta' l-Edukazzjoni, Ta' Giorni, issa fil-Laboratorju tal-Paċi, Ħal Far, 1967) fejn l-artist jabbanduna l-konvienzjonaliżmu ta' l-istil mingħajr ma jersprimi kompletament astratta. Għadd ta' statwi bħal "S. Marija Goretti" u "S. Tarċisju" (ġebla, 6 ft., Oratorju tal-Mosta, 1968), "Mose" u "Elija" (siment, 12 ft., Mellieħa, 1971), "S. Anna" u "S. Gwakkin" (siment, 8 ft., Mellieħa, 1972), "S. Franġisk t'Assisi" (konkrit, 12 ft., Baħar iċ-Ċagħaq, 1974)

u "Kristu Msallab" (cold cast bronze, 12 ft., S. Luċija, 1975), juru l-kapaċità teknika ta' Ganni li fil-kobor ta' l-istatwa joqgħod attent li jżomm proporżjon ġust mal-kompless arkitettoniku.

B'mod partikulari trid issir riferenza għall-għadd ta' statwi tal-Madonna li dan l-iskultur għamel tul is-snin. 'Marija Reġina' (10 piedi, Blata l-Bajda, 1965) immodelata b'mod sempliċi, hi simbolu tal-kobor u l-umilta' ta' Omm Alla. Fost l-oħrajn għandha sinjifikat kbir 'Marija Omm il-Maltin' (cold cast bronze 14 il-pied, Burrmarrad 1983) mwaħħla mal-faċċata tal-knisja ta' Burmarrad. Hija statwa li l-idejn miftuħa tagħha u l-pass li qed tagħti jindikaw dinamiżmu mistiku li jfakkrek fl-Assunta daqskemm il-Madonna ta' Pompei, li qiegħda fuq il koppla tas-Sorijiet Dumnikani tar-Rabat, Għawdex, tnissel l-impressjoni tar-rieda qawwija ta' l-omm li tiffaċċja l-irwiefen.

Fost l-istatwi b'tema lajka nsemmi biss il-grupp statwarju, 'Id-drittijiet tal-bniedem' li bih kien rebaħ it-tieni premju f'konkors mniedi mill-UNESCO fil-1968 u l-monument ta' Dr. Nikola Zammit (8 piedi, Siġġiewi, 1977), li jfakkar wieħed mill-aqwa studjużi li kellha Malta fis-Seklu Dsatax. Ma nistax ma nsemmix l-monument ta' l-'Indipendenża' (bronż, 28 pied, Il-Mall Floriana, 1989). Hu monument li fih tidher għaqda bejn l-astratt u l-figurattiv, b' dinamiżmu simboliku l-ġens jidher jinħall mill-irbit kolonjali, waqt li jara l-identità tiegħu fil-'Malta' tradizzjonali, f'qagħda u mixja determinanti, li hija espressjoni figurattiva u realistika tan-nazzjon.



Monumenti oħrajn kolossali li ssawru mill-moħħ u l-idejn ġenjali ta' Bonnici, huma l-monumenti tal-Vittmi tal-Gwerra li hemm fl-Isla, Attard u dak ta' raħal twielidu, l-Mosta. F'dak tal-Isla l-artist irnexxielu jirrakonta b'xena viswali u karatteristika dak kollu li kien ġara f'dik il belt partikulari. Il-ħerba, il-mewt u l-ħajja huma nterpretati li jidistingwi l-messaġ ta' dak li ġara fi bliet u rħula. L-ilbies tal-figuri huma differenti minn dak tal-figura fil-monument tar-raħal tal-Mosta. B'dawn l-kuluri skulturali, Ganni b'ħila kbira jiddistingwi ambjent u użanzi differenti u jġib lill-ispettatur jidħol fl-istorja. Fil-monument tal-Mosta tispikka l-oriġinalità artistika ta' kif jispuntaw mill-art il-lapidi b'forza ħajja, dekorarati bl-ittri tal-ismijiet tal-vittmi. Idea ġdida, oriġinali, li tkisser il-monotonija tas-soltu pedistal – kaxxa bl-ismijiet fuqa.

Trijonf ieħor ta' monument kolossali huwa dak tas 'Sitta u għoxrin qaddis martri tal-Ġappun' li l-iskutur Bonnici ħadem għall-Belt ta' Bradford fil-Kanada. Dan insibuh iżejjen il-faċċata ta' knisja kattolika li nbniet ftit snin ilu. Dan il-monument twil 48 ft u fih 26 figura, jirrappreżenta patrijiet Franġiskani, Gżwiti u lajċi, qaddisin Spanjoli, Portugiżi u Ġappuniżi. F'dan ix-xogħol tinħass l-kapaċita ta' l-artist fl-interpretazzjoni tal-karattri u fil-fisonomija li tixhed in-nazzjonalità ta' kull persunaġġ. F'din l-istess knisja l-artist kreja xogħlijiet oħra. F'apside fuq l-artal 'Kristu Rxoxt' (12 ft.) figura maestuża tiddomina fuq il-qdusija u s-silenzju u l-ġabra tal-funzjonijiet liturġiċi, xogħol ieħor huwa sett ta' erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra li komplew żejnu l-armonija artistika moderna ta' din il-knisja. il-gażżetti tal-Belt ta' Bradford kellhom kull tifħir għal dan ix-xogħol artistiku ta' l-iskultur Malti.

Ganni Bonnici hu lartist li f'kull żmien ta' l-kontribut tiegħu u għandu aktar xogħlijiet li nittamaw li l-poplu jkun jista' jgawdihom fil-futur. Hu l-artist li kien fost ta' l-ewwel li ippartecipa f'esibizzjonijiet kemm lokali kif ukoll barra. Kien għadu kemm spiċċa l-kors mill-iskola ta' l-Arti meta, fl-1955 esibixxa fil-Palazz de la Salle. Insibuh kemm-il darba jieħu sehem f'esibizzjonijiet ta' l-Atelier Modern Art Group, ta' l-Institute for Cultural Exchange imwaqqaf min-Nutar V. M. Pelegrini u oħrajn ta' l-Arti Kontemporanja organiżżati mis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ. Fl-esibizzjoni ta' l-Artists' Guild li kienet saret fil-1969, il Prinċep Charles ta' l-Ingilterra kien tant apprezza x-xogħol tiegħu li ġie fotografat jikkarezza statwa fusa fil-'cold cast bronze'.

Intqal ħafna dwar Ganni. Ġie meqjus bħala wieħed b'ġibdiet tradizzjonali, imma li ma jinjorax tendenzi moderni tant li ħoloq idjoma li tassimila l-influwenzi ta' artisti bħal Moore, Epstein, Manzù u Ġiacometti. Dan kollu juri fl-artist konvivenza ta' attwalita' li tagħtih inflwenza artistika kalleidoskopika u espressjoni ta' forma li tagħmlu artist modern fuq bażi solida klassika. Illum ix-xogħol tiegħu hu magħruf mhux biss f'pajjiżna. Hu xogħol ħiereġ minn sorsi oriġinali b'aċċenti ta' modernità attwali. Għalhekk jekk f'Bonnici nħossu l-effett folkloristiku ta' l-ambjent Malti, naraw ukoll d-dell ta' l-arti klassika u aktar moderna li jfakkruk fl-artist f'salib it-toroq li biex isib direzzjoni juża' dak li bħal wieħed magħġun fil-kultura Mediterranea li wiret, ifittex li jesperimenta, joħloq u jikkrea bl-akbar sinċerità u vitalità biex jasserixxi l-individwalita' u l-oriġinalita' tiegħu. Ganni Bonnici ġie magħruf għall-kontribut tiegħu f'arti kontemporanja Maltija divesi drabi, billi ġie onorat b'dawn il-premijiet, f'April ta' 1982 ITALAT tal-Associazione Nazionali d'Arti Culturale d'Italia. F'Jannar ta' 1990 il-medalja tad-deheb, tas-Soċjetà Maltija ta' l-Arti Manifattura u Kummerċ u f' Ottubru ta' 1993 ingħata l-premju prestiġjus PREMIO CITTA di VALLETTA organiżżat ma' l-Assoċjazzjoni tal-Poeti Maltin.